# FIT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## ĠUDIKATUR

## DR. JOSEPH GATT LL.D.

**Talba Nru: 290/19 JG**
**Deċiża: 10 ta' Ġunju 2022**

**ACT Advisory Services Limited (C65093)**

**Vs**

**Anabelle Debattista (K.I. 176892(M))**

**Illum, id-19 ta' Lulju 2022;**

Din hija deċiżjoni dwar ir-rikors tas-soċjetá attriċi datat **14 ta' Ġunju 2022** tramite liema, jidher li a tenur tal-artikolu 825 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta talbu korrezzjoni fl-ammont indikat fid-*decide* tas-sentenza li ngħatat minn dan it-Tribunal fl-10 ta' Ġunju 2022.

Ra d-digriet tiegħu tas-16 ta' Ġunju 2022.

Ra r-risposta tal-konvenuta tat-12 ta' Lulju 2022, permezz ta' liema effettivament rrimettiet ruħha għal-ġudizzju ta' dan it-Tribunal.

Illi huwa ċar li dak li seħħ kien sempliċi *lapsus* anke għaliex fil-parti introduttorja tas-sentenza, l-ammont mitlub kien indikat b'mod ġust u ċioé s-somma ta' tlett elef, sitt mija u sitta u tletin Ewro (€3,636).

Illi huwa minnu peró li fil-parti deċiżorja, l-konvenuta ġiet ikkundannata tħallas l-ammont ta' tlett elef, tlett mija u tlieta u sittin Ewro (€3,363).

Illi huwa ċar li dan kien sempliċi żball, skatenat ukoll mill-fatt li l-ammont jinkludi biss żewġ numri. Ir-*ratio* tad-deċiżjoni ukoll jirrifletti l-fatt li ma kellu jkun hemm ebda tnaqqis minn dak mitlub.

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jilqa' t-talba tas-soċjetá attriċi kif kontenuta fir-rikors tal-14 ta' Ġunju 2022 u għalhekk jordna li ssir d-debita korrezzjoni fil-parti deċiżorja tas-sentenza fl-ismijiet premessi b'dan li s-somma hemm indikata għandha tkun dik ta' tlett elef, sitt mija u sitta u tletin Ewro (€3,636).

Jordna li din id-deċiżjoni tiġi mqiegħda immedjatament fuq is-sit elettroniku tal-Qorti.

Jordna li din id-deċiżjoni tiġi komunikata direttament lill-avukati rispettivi anke permezz ta' posta elettronika.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur